Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 22/2015

**Atlas Insurance PCC Limited u Jurgen Cassar (appellanti)**

**Vs**

**Saviour Ellul u Elmo Insurance Limited (appellati)**

22 ta' Settembru, 2017.

1. B'decizjoni tal-14 ta' Awissu, 2015 it-Tribunal tal-Arbitragg iddecieda li l-incident tat-traffiku li sehh fit-2 ta' Ottubru, 2013 bejn BMW JUR 079 u t-trukk SCB 008 fi Triq Aldo Moro, sehh tort tal-attur li hareg ghal fuq it-triq principali. It-Tribunal irraguna:

> *"Illi Cassar kellu jieqaf qabel ma jidhol fi Triq Aldo Moro u jassikura li seta' jidhol fil-main road minghajr ma jostakola t-traffiku. Illi ezatt wara l-give way sign hemm il-bus lane. Dan ifisser li Cassar kellu jassikura ruhu li seta jidhol fil-lane (wara l-bus lane) minghajr ma jostakola t-traffiku f'dik il-lane. Cassar qal li cedietlu vettura u dahal fit-traffiku u kif kien se jaqla hass id-daqqa. Cassar qal li l-vettura li cedietlu ma kienx it-trukk……*
>
> *Illi jekk wiehed jara l-iskizz iz-zewg vetturi spiccaw fl-istess lane. Jidher li Cassar qasam l-ewwel lane (bus lane) u ipprova jeraq lejn il-lemin ghal lane fejn kien gej it-truck. Illi l-esponent mhux konvint li Cassar kien diga' kompletament fil-lane in kwistjoni. Il-vettura ta' Cassar kellha hsara fuq il-gemb u mhux fuq wara nett (ara ritratti 1 of 3 u 2 of 3 fis-survey report u ritratt 4 anness mad-dikjarazzjoni ta' Cassar……*
>
> *Illi Cassar kien qed jaqsam il-lanes u Cassar kellu jassikura li ma kienx qed jostakola l-vetturi fil-main road".*

2. L-atturi appellaw mis-sentenza. L-aggravju jitratta dwar l-evalwazzjoni tal-provi. Fil-fehma tal-atturi mill-provi t-Tribunal tal-Arbitragg kellu jikkonkludi li l-incident sehh tort tal-konvenut.

3. Il-konvenuti wiegbu li m'hemmx ragunijiet li jistghu jwasslu lil din il-qorti sabiex thassar id-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg.

4. Il-vettura tal-attur harget minn fuq *give way sign*. Ghaldaqstant, l-attur kellu jaghti precedenza lit-traffiku ghaddej minn Triq Aldo Moro, qabel johrog fiha.

5. Il-qorti m'hijiex konvinta mill-korrettezza ta' wiehed mill-iskizz li sar mill-gwardjan lokali li nvestiga l-kaz. Il-vettura tal-attur u t-trukk jidhru fl-istess karreggata ma' gemb xulxin. Dan ma jistax ikun ghaliex karreggata m'hijiex

wiesgha bizzejjed biex fiha joqghodu hdejn xulxin trukk u vettura. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghar-ritratt numru 6 minn 8 li jikkonferma r-ragunament tal-qorti. Madankollu hemm skizz iehor li fuqu m'hemmx immarkati l-karreggati, u li hu dak mehmuz mal-avviz tal-arbitragg.

6. Fir-*road accident report*, il-verzjoni li nghatat miz-zewg xufiera taqra:

- **Attur** – *"Hiereg minn Triq Ghammieri bdejt nistenna lil xi hadd u cedieli minn fuq il-giveway. Dhalt fil-lane ta' hdejn il-bus lane. Kif beda jsuq it-traffic bil-mod hassejt daqqa wara u kompla jigbidni mieghu. Biex waqaf kelli nghajjat barra t-tieqa u waqqfu l-passiggier li kellu. Dan telaq minn fuq il-post";*
- **Konvenut** – *"Kont tiela' dritt fuq il-lane ta' mal-Bus lane u l-iehor hareg minn fuq il-giveway u dahal tahti".*

7. Hadd mill-partijiet ma kkontesta l-posizzjoni taz-zewg vetturi kif tidher fiz-zewg skizzi. Il-vettura tal-attur tidher proprju ma' gemb il-*bus lane*. Dan ifisser li l-vettura tieghu kienet qeghda kollha kemm hi fil-lane ta' ma' gemb il-*bus lane*. Ghalhekk il-verzjoni tal-konvenut li ta lill-gwardjan lokali m'hijiex korretta. Biex il-vetturi kienu fil-posizzjoni li jidhru fiha fl-iskizzi, ma jistax ikun li fil-hin tal-incident it-trukk kien ***"tiela' dritt fuq il-lane ta' mal-Bus lane"***, gialadarba l-karreggata hi wiesgha bizzejjed biex fiha toqhod vettura wahda biss. Ghalhekk ma jistax ikun li z-zewg vetturi spiccaw fl-istess karreggata. Ghalkemm l-Arbitru qal li ma kienx *"konvint li Cassar kien diga' kompletament fil-lane in kwistjoni"*, pero' l-iskizzi juru mod iehor.

8. Il-konvenut stess xehed: *"Anzi nghid li lilu qabel il-habta ma rajtux"*. Kliem li lill-qorti jatiha x'tifhem li l-konvenut kien aljenat gialadarba fl-iskizzi l-BMW tidher kollha kemm hi fil-karreggata ma' gemb il-*bus lane*.

9. Meqjus dak li nghad hawn fuq, ifisser li fil-mument tal-impatt il-vettura tal-attur kienet diga' harget fit-triq Aldo Moro. Kieku kif sehh l-incident l-attur kien ghadu fil-manuvra ta' tibdil ta' karreggata, il-vettura li kien qieghed isuq ma kinitx tkun ma' gemb il-*bus lane* izda ghallinqas parti minnha kienet tkun fil-karreggata tal-bus lane (ara l-iskizzi). Dan hu ghal kollox eskluz mill-iskizzi li hemm fl-atti.

10. Il-hsara fil-vettura tal-attur tibda mill-mudguard ta' wara u tkompli sal-bieba tal-passiggier. Indikazzjoni li t-trukk gie minn wara l-BMW. Li kieku dan kien kaz fejn it-trukk kien ghaddej mill-karreggata ma' gemb il-bus lane u l-BMW bidlet il-karreggata u giet quddiem it-trukk, probabbilment il-hsara fil-BMW kienet tkun fejn hemm il-but.

11. Il-konvenut xehed li:-

- *"Jiena bqajt fil-lane tieghi"*. Kif spjegat hawn fuq, dan ma jistax ikun.
- *"Dakinhar ma kienx hemm hafna traffic"*. Mhux hekk jirrizulta mir-ritratt li pprezenta l-attur.
- *"Malli hassejt id-daqqa waqaft. Nghid li **l-BMW baqghet ghaddejja xi hames jew sitt piedi wara l-incident**"*. Dan ukoll ma jistax ikun. Fl-iskizziz-zewg vetturi jidhru ma' gemb xulxin. Il-hsara fil-vettura BMW kienet fil-bieba ta' wara u l-mudguard ta' wara. Mehud in konsiderazzjoni dawn il-fatti, kieku l-BMW *'baqghet ghaddejja'*, il-vetturi ma kinux jispiccaw fil-posizzjoni li jidhru fl-iskizzi. Dan hu evidenti wkoll mir-ritratt numru 2 mehmuz mad-dikjarazzjoni tal-attur li qal li gibdu kif nizel mill-vettura tieghu. Fir-ritratt iz-zewg vetturi jidhru ma' gemb xulxin.

12. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li l-verzjoni li rrakkonta l-attur hi ferm iktar verosimili, cjoe' li:

- Meta sehh l-incident il-vettura BMW JUR 079 kienet diga' hadet postha fil-karreggata ma' gemb il-*bus lane;*
- It-trukk (SCB 008) gie minn wara u laqat il-vettura BMW fil-gemb billi nvada l-karreggata li fiha kienet il-BMW.

13. Fir-rigward tad-danni, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2015 il-partijiet iddikjaraw li l-*quantum* m'huwiex kontestat.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-14 ta' Awissu, 2015 u tiddikjara li l-incident tat-traffiku oggett tal-kawza sehh tort tal-konvenut. Ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn u wiehed u hamsin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€2,051.43) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tal-arbitragg. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuti.**

Anthony Ellul.